**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Antonio Mario Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 868/10**

**Illum, 28 ta’ Novembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antonio Mario Vella detentur tal-karta tal-identita` numru 579855M.

Akkuzat talli:

F’Lulju 2010 u fix-xhur precedenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000), ghad-dannu ta’ Patrick Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 34881(M) u Vanessa Galea detentrici tal-karta tal-identita` numru 149979(M), ai termini tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici tal-Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet data jew ikkunsjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Patrick Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 34881(M) u Vanessa Galea

detentrici tal-karta tal-identita` numru 149979(M), ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati erbatax (14) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) li bihom ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti titttratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja u dawn huma:

1. Artikoli 308, 309, 310 (1)(a) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 18, 293 u 294 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex din il-Qorti kif komposta tiddeciedi dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xiehda u d-dokumenti kollha kif ukoll rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat frodi u approprjazzjoni indebita min-naha tal-imputat kontra il-parte civile Patrick Agius meta dan avvicinah sabiex jikri il-proprjeta` li fuqha hemm il-lukanda Travellers Lodge u li hi proprjeta` tal-istess imputat. Illi gara illi sussegwentement il-parte civile induna illi kien hemm mandat ta' qbid fuq din il-proprjeta` mill-bank bil-konsegwenza illi l-istess Patrick Agius ma setax igib il-finanzjament mehtieg sabiex jaghmel id-dar tal-anzjani u l-anqas ma gie rifuz lura id-depozitu li hu kien hallas lill-imputat mal-iffirmar tal-kuntratt.

Illi importanti hawnhekk tinghata is-sekwenza tal-avvenimenti:

- Illi il-lukanda Travellers Lodge hija proprjeta` tal-kumpannija Travellers Lodge Limited li taghha l-imputat Antonio Mario Vella huwa l-uniku direttur u sussegwentement il-kumpannija Act Operators Limited hadet il-kirja tal-istess proprjeta` sabiex timmaniggjaha (Dok MC7). Din il-kumpannija ghandha wkoll bhala direttur lill-imputat Antonio Mario Vella;

- Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru elfejn u sebgha (2007) il-Bank of Valletta xtara b'subbasta it-Travellers Lodge;

- F'Settembru elfejn u disgha (2009) sar il-ftehim ta' kera ma' Patrick Agius ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Residential Care Services Limited sabiex hu jiftah dar tal-anzjani fil-proprjeta` ta' Travellers Lodge. Illi xi haga suspettuza kienet illi l-ftehim l-imputat ghamlu f'isem Act Operators Limited li kellha biss il-kompitu li timmaniggja il-proprjeta` u mhux f'isem Travellers Lodge Limited li kienet il-propjetarja tal-fond *de quo* u ghalhekk skond il-Memorandum and Articles tal-istess kumpannija hija biss setghet tiddisponi minn tali proprjeta` (Dok. JKP 1)*;*

- Fuq dan il-kuntratt il-parte civile Patrick Agius ghadda lill-imputat Antonio Mario Vella is-somma ta' ghaxart elef Ewro (10,000) permezz ta' cekk intestat lil bint l-imputat Vanessa Vella u somma ohra ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (23,000);

- Bdew isiru xi alterazzjonijiet minn naha tal-imputat sabiex jadoperaw mal-htigijiet imposti fuq dawn it-tip ta' operat tad-djar tal-anzjani;

- F'Ottubru elfejn u disgha (2009) gie awtorizzat l-ewwel self mill-Bank lill-parte civile sabiex jigi finanzjat il-lift tal-proprjeta` u ghal dan il-ghan hareg *overdraft* ta' ghoxrin elf ewro (20,000);

- Il-parte civile irrejalizza li xogholijiet kien hemm bzonn aktar fil-proprjeta` milli kien haseb u ghalhekk kellhom isiru xi xogholijiet strutturali. Nel frattemp l-imputat talab ghal aktar flus mill-parte civile u dan wara hafna insistenza tah is-somma ta' elf ewro (1,000) f'zewg pagamenti permezz ta' zewg cekkijiet li l-imputat qallu biex ma jaghmilhom intestati fuq hadd. Sussegwentement dan sar jaf illi wiehed gie maghmul fuq bint l-imputat u l-iehor fuq persuna ohra mhux maghrufa lill-parte civile;

- Meta l-parte civile gie biex jiehu l-*overdraft* principali biex jibda jopera il-proprjeta` il-Bank of Valletta infurmatu illi l-proprjeta` kienet tinsab maqbuda mill-bank u liberata f'isem l-istess bank fis-sena elfejn u sebgha (2007) fejn l-imsemmija kumpannija Act Operators Limited kienet giet notifikata bil-bejgh b'subbasta fi tliet okkazjonijiet (Dok PA 15, PA16 u PA 17).

Il-Qorti semghet ix-xiehda ta' rapprezentant tal-Bank of Valletta Ray Aquilina li fix-xhieda tieghu datata disgha (9) ta' Mejju elfejn u hdax (2011) spjega il-problemi li kien hemm mal-kumpannija Travellers Lodge u anke' fuq il-proprjeta` liema problemi eskalaw fis-sena elfejn u sebgha (2007). Huwa jghid testwalment:

> ***"F'dan il-kaz kien hemm hafna problemi bhal wahda minnhom kienet li kien hemm ipoteki ohra fuq il-proprjeta`. Allura bdejna nippruvaw insibu a buyer biex jixtriha kif inhi, tale quale bil-kredituri kollha li kien hemm. In the mean time pruvajna ngibu lura c-cwievet jew ikollna access. . . .***
>
> ***Dana kien hemm dejn il-bank jigifieri li kien secured f'dan il-kaz f'isem Travellers Lounge Company Ltd. li kien secured b'dana l-hotel. Kien hemm ukoll security fuq postijiet ohra ghax kien hemm dejn iehor f'isem kumpannija ohra u dana kienu saru subbasti ohra wkoll fuq dawk il-propjetajiet diversi li kien hemm."***

Dan ix-xhud sussegwentementipprezenta dokumenti ohrajn li juru li l-imputat kien ben konxju bil-problemi li kellu mal-bank u dawn permezz ta' dokumenti immarkati Dok RA4 u Dok RA 5.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili pprezentata in atti u mmarkata Dok. MC 10 fejn kien hemm tentattiv mill-imputat f'isem Travellers Lodge Ltd sabiex ixxekkel il-procedura tas-subbasta mill-Bank of Valletta plc izda il-Qorti fis-sentenza taghha tal-erbgha (4) ta' Dicembru elfejn u sebgha (2007) canfret lis-socjeta` attrici ghaliex ippruvat ittawwal iz-zmien u filwaqt illi cahdet it-talbiet attrici, attribwit lill-istess l-ispejjez tal-kawza stante li l-proceduri kienu frivoli u vessatorji.

Semghet il-parte civile Patrick Agius li xehed f'zewg okkazjonijiet u esebixxa numru ta' dokumenti. Dan, filwaqt li spjega is-sekwenza tal-fatti hekk kif rapportati aktar hawn fuq f'din is-sentenza, qal ukoll illi kien l-istess imputat li kien avvicinah sabiex jiehu l-proprjeta` u jiftah id-dar tal-anzjani wara li l-istess Agius kien fi ftehim ma' siehbu Charlot Caruana izda dawn kienu xoljew.

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010) fejn il-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Travellers Lodge Ltd gie rez ezegwibbli (Dok  PA 21) kif ukoll is-sentenza tal-istess Qorti diversament presjeduta datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elfejn u hdax (2011) (Dok PA 22) fejn gie ordnat l-izgumbrament mis-socjeta` Travellers Lodge Ltd mill-propjeta ta' Travellers Lodge.

Xehdet ukoll **Vanessa Galea** li tigi l-mara tal-parte civile Patrick Agius li a skans ta' ripetizzjoni ta' dak li kien qal diga` r-ragel taghha fix-xiehda tieghu qalet ukoll illi l-imputat kien li avvicina lil Patrick Agius sabiex jiftah id-dar tal-anzjani u mieghu kienu bnew certa relazzjoni tant illi:

> ***". . . qatt ma kien hemm dubju, anzi konna nafdawh, kien jaf li ghandna zewgt itfal zghar, kien jaf li qieghda nistenna tarbija din il-hassel kollu, li qieghda nistenna tarbija li twieldet taht il-weight dak iz-zmien u xorta kompla ghaddej. Ahna fdajnieh, persuna li tigi tghid hawn hekk kollox taghha, hawn hekk dejjem kien miftuh, ahna ma nafux x'inhi subbasta u hekk, qatt ma kellna idea li din il-hotel mhix tieghu".***

Xhud importanti wkoll kien **Daniel Cassar** li kien qed jghin lill-parte civile bhala konsulent. Huwa jispjega kemm xoghol kien sar mill-parte civile fid-dar tal-anzjani wara li gie ffirmat il-kuntratt mal-imputat, izda ghal xi raguni darba minnhom gie l-imputat u esiga li jiffirmaw kambjali ghal tul id-durata tal-kera stabbilita fil-kuntratt u cioe` ghaxar (10) snin flimkien ma' kuntratt ta' kera rivedut. Dan sar ghal habta tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Kien hemmhekk illi l-Bank of Valletta kien informa lill-parte civile bis-subbasta.

## KOSTATAZZJONIJIET LEGALI

Illi l-imputat qed jigi addebitat lilu akkuzi bbazati fuq frodi u approprjazzjoni indebita kkontemplati bl-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi*

*foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor . . . .".*

Illi l-gurisprudenza nostrana dejjem kienet illi sabiex tissussisti r-reat ta' truffa mhix bizzejjed is-semplici gidba, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita` lil dik il-gidba.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Pulizija v. George Manicolo (deciza 31 ta' Lulju 1998 Onor P. Vella)** intqal hekk:

***"Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajjmu sentiment kif hemm indikati fl-Artikolu 308 hawn fuq citat. Irid ikun hemm il messa in xena, u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga msemmija mill-frodatur, liema haga, in realta', ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu ikun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.***

***Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghall-agent frodatur."***

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet espozizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat fejn qalet:

> ***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […] Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […]. Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin. Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd. Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min: (a) b'mezzi kontra l-ligi, jew (b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew (c) ta' kwalifiki foloz jew (d) billi jinqeda b'qerq iehor u (e) ingann jew 11 (f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza ta' intraprizi foloz, (g) jew ta' hila; (h) setgha fuq haddiehor jew (i) ta' krediti immaginarji jew (j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. [...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li lmanuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu blassistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat filligi. […] Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno,***

***raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede".***

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** ikkwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi lidea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".***

L-istess Imhallef Flores ikompli jghid li:

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita qed jigi kkwotat l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel, meta jinstab hati, il-piena tkun ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa".*

Skond gurisprudenza kostanti w anke' awturi tal-ligi, l-elementi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

> 1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita`, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'*animo di spostarsi del posesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma tas-serq.
>
> 2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe` tal-proprjeta` ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita;
>
> 3.Illi l-oggett irid ikun mobbli;
>
> 4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe` japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha *a proprio comodo o vantaggio*;
>
> 5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero`, jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor,

liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldqstant, b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bbazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fil-bidla tal-haga fdata ghal skop determinat.

**Carrara** fil-ktieb tieghu Diritto Penale (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:

> ***" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."***

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief ; skond il-kliem tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Mifsud** (dec 2.12.1992); abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju.

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konverzjoni tal-oggett fdat lilu u hemm din il-konverzjoni meta l-akkuzat ikun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid li:

> ***"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."***

Illi m'hemmx dubju illi l-parte civile Patrick Agius kien jafda fl-imputat meta dan kien jghidlu illi huwa kien il-propjetarju tal-fond Travellers Lodge u meta kienu qeghdin isiru il-laqghat preparattivi qabel il-kuntratt bejniethom. Izda dak li ma kienx qed jghidlu l-imputat hu li l-imsemmi fond kien inqabad mill-Bank of Valletta minhabba dejn li kien akkumula l-imputat tul is-snin u li effettivament tali proprjeta` ma kienitx ghadha aktar tieghu izda kienet giet tal-Bank hekk kif gie ppruvat b'dokumenti ipprezentati f'dawn il-proceduri.

Tant kemm dan kien pjan tal-imputat illi il-kuntratt ta' kera bejnu u l-parte civile ghamlu f'isem Act Operators Limited liema kumpannija ma setghetx taghmel trasferimenti tal-propjeta` imma l-kumpannija Travellers Lodge Ltd setghet taghmel dan. Izda l-imputat ma setax jiehu riskji ghaliex il-kumpannija Travellers Lodge Ltd kienet diga` mghobbija bid-diversi mandati u kawzi mill-bank fuq l-istess proprjeta`.

Illi madanakollu l-imputat xorta wahda baqa' jittama lill-parte civile sabiex jaghmel id-diversi tibdil strutturali u spejjez ohra necessarji ghall-operat tad-dar tal-anzjani minflok ma fetahlu ghajnejh mill-bidu. Mhux biss, izda kellu wkoll il-wicc li jibdel il-kuntratt u jaghmel mija u ghoxrin kambjala li kienu

jkopru d-durata kollha tal-kera u cioe` ghaxar snin, xi haga li qatt ma taraha f'dawn it-tip ta' kuntratti. Ovvjament il-parte civile beda jissuspetta hazin u fortunatament ma ffirma xejn. Illi ghalhekk l-akkuza ta' frodi giet ampjament ippruvata.

Illi rrizulta wkoll illi l-parte civile kien hallas xi somom flus lill-imputat apparti l-ispejjez li kien nefaq sabiex ikun jista' jopera d-dar. Dawn kienu zewg cekkijiet ta' hames mitt (500) ewro kull wiehed, pagament iehor ta' ghaxart elef Liri Maltin (10,000) li kienu jigu ghal tlieta u ghoxrin elf ewro (23,000) liema somom qatt ma gew rifuzi lura mill-imputat lill-parte civile.

Illi jinghad illi a bazi tal-gurisprudenza hawn fuq ikwotata, kien a bazi tal-fiducja li l-parte civile kellu fl-imputat li sar il-kuntratt ta' kera tal-fond Travellers Lodge u li konsegwentement dan kien ghaddielu l-flus mal-iffirmar tal-ftehim. Illi sfortunatament kien hemm mala fede min-naha tal-imputat li kien jaf perfettament li l-proprjeta` ma kienitx ghadha tieghu u li tali kuntratt ta' kera bejnu u l-parte civile ma setax qatt isir . Illi ghaldaqstant din l-akkuza wkoll ta' approprjazzjoni indebita giet ippruvata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 31, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Antonio Mario Vella** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Il-Qorti wkoll qed tikkundadnna lill-imputat ai termini tal-

Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 li jhallas is-somma ta' erbgha u ghoxrin elf ewro (24,000) lill-parte civile Patrick Agius fi zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputat, jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**